31980L0216

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Jannar 1980

Li temenda d-Diretiva 71/118/KEE dwar problemni tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ fil-laħam tat-tjur frisk

(80/216/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi d-Direttiva 71/118/KEE tal-15 Frar 1971 dwar problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ f'laħam tat-tjur frisk [4], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 77/27/KEE [5], tistabilixxi l-ħtiġiet ta' qtil u spezzjoni għal laħam tat-tjur intiż għal kummerċ intra-Komunitarju u kummerċ fi Stati Membri;

Billi t-tkabbir tat-tjur u t-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur huwa mwettaq fil-biċċa l-kbira minn produtturi fuq skala żgħira li jbiegħu l-prodott tagħhom fi swieq lokali u huma parti sinifikanti ta' l-attività agrikola f'ċerti reġjuni Komunitarji; billi dawn l-attivitajiet għandhom jitħallew ikomplu taħt ċerti kondizzjonijiet;

Billi l-metodu ta' produzzjoni ta' "*foie gras*" tagħmel l-evixxerazzjoni ta' tjur maqtula riċentement impossibbli mingħajr dannu serju għall-fwied;

Billi waqt li jiġi assigurat li l-ħtiġiet ta' l-iġjene u l-ispezzjoni stabbiliti taħt il-leġislazzjoni Komuitarja, u b'mod partikolari taħt id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Anness I, Kapitolu I, III u XIV għad-Direttiva msemmija, jiġu mantenuti b'mod strett, għandhom isiru l-emendi speċifiċi neċessarji għal din il-leġislazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 71/118/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 3(1)(A)(a):

"Minkejja l-ħtiġiet ta' l-ewwel subparagrafu, għasafar intiżi għall-produzzjoni ta' '*foie gras*' jistgħu jiġu storditi, infasda u mnittfa fir-razzett tas-smin, sakemm dawn l-operazzjonijiet jiġu mwettqa f'kamra sseparata li tikkonforma mal-ħtiġiet ta' l-Anness I, il-Kapitolu I, ċ, u li, skond l-Anness I, il-Kapitolu XIV, il-karkassi mhux evixxerati huma ttrasportati immedjatament għal impjant approvat ta' tqattigħ li hu mgħammar b'kamra speċjali kif iddefinit fl-Anness I, il-Kapitolu II, (2) (b) a, fejn il-karkassi għandhom jiġu evixxerati fi żmien 24 siegħa."

2. Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(5), il-kliem "u sal-15 ta' Awissu 1981" għandhom jitħassru.

3. Fl-Anness I, il-Kapitolu II (2):

— is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied:

"(b) a Jekk titwettaq l-evixxerazzjoni hemm barra, kamra għall-evixxerazzjoni ta' papri u wiżżi mkabbra għall-produzzjoni ta' '*foie gras*' li ġew storditi, infasda u mnittfa fir-razzett tas-smin",,

— il-kliem "u taħt (b)" għandhom jiżdiedu ma' l-ewwel linja tal-punt (h).

4. Fl-Anness I, il-Kapitolu III (3) (ċ), "u (b)" għandu jiġi inserit wara l-kiem "u għal (2) (b)".

---

(1) ĠU C 247, ta' l-1.10.1979, p. 16.
(2) ĠU C 34, tal-11.2.1980, p. 106.
(3) Opinjoni mogħtija fl-24 u fil-25 ta' Ottubru 1979 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
(4) ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.
(5) ĠU L 6, tat-8.1.1977, p. 19.

5. Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness I, il-Kapitolu IV (13):

"Madanakollu, fil-każ ta' papri u wiżżi mkabbra għall-produzzjoni ta' '*foie gras*' u storditi, infasda u mnittfa fir-razzet tas-smin, l-ispezzjoni *ante mortem* tista' titwettaq fl-aħħar ġimgħa tas-smin".

6. Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness I, il-Kapitolu IV (14):

"Fil-każ ta' papri u wiżżi mkabbra għall-produzzjoni ta' '*foie gras*' u storditi, infasda u mnittfa fir-razzett tas-smin, iċ-ċertifikat imsemmi fl-Anness IIIa għandu jkun mal-karkassi mhux evixxerati mal-wasla tagħhom fl-impjant ta' tqattigħ mgħammar b'kamra sseparata għal evixxerazzjoni."

7. Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness I, il-Kapitolu V (23):

"Madanakollu, papri u wiżżi mkabbra u maqtula għall-produzzjoni ta' '*foie gras*' jistgħu jiġu evixxerati fi żmien 24 siegħa, sakemm karkassi mhux evixxerati huma, malajr kemm jista' jkun, imnaqqsa u mbagħad miżmuma fit-temperatura stabbilita fil-Kapitolu XII (46) u ttrasportati skond ir-regoli ta' l-iġjene."

8. L-Anness li ġej għandu jiżdied:

"*ANNESS IIIa*

MUDELL

Ċertifikat tas-saħħa għall-karkassi ta' papri u wiżżi mkabbra għall-produzzjoni ta' "*foie gras*", storditi, infasda u mnittfa fir-razzett tas-smin u ttrasportati għal impjant tat-tqattigħ li hu mgħammar b'kamra sseparata għall-evixxerazzjoni

Is-servizz kompetenti ..... Nru [1] .....

I. L-identifikazzjoni ta' karkassi mhux evixxerati

L-Ispeċi: .....

In-Numru ta' karkassi mhux evixxerati: .....

II. L-Oriġini ta' karkassi mhux evixxerati

L-indirizz tar-razzett għas-smin: .....

III. Id-Destinazzjoni ta' karkassi mhux evixxerati

Il-karkassi mhux evixxerati jiġu ttrasportati sa l-impjant ta' tqattigħ li ġej: .....

.....

bil-mezz ta' trasport li ġej: .....

IV. L-Attestazzjoni

Jiena, is-sottoskritt, veterinarju uffiċjali niċċertifika li l-karkassi mhux evixxerati deskritti hawn fuq huma ta' għasafar li kienu eżaminati *ante mortem* fir-razzett tas-smin imsemmi hawn fuq f' .....

(ħin) fil- ..... (data) u misjuba f'sahhithom.

Magħmul fi ..... , fil- .....

.....

(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali)

[1] Mhux ta' bilfors.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fl-1 ta' Frar 1980, u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Jannar 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MARCORA